# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 33/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Donald Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Donald Cilia talli fid-9 ta' Novembru, 2001 u fis-17 ta' Novembru, 2001, ghall-habta ta' 00.30 am, gewwa Triq Ross, San Giljan, xehet gebel jew hwejjeg ohra fl-imsemmija triq bi xkiel, b'inkomdu, bi hsara jew b'perikolu ta' nies ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Donald Cilia hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Donald Cilia, minnu ppresentat fl-14 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 19 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi fl-ewwel lok li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija nulla peress li fl-istess sentenza dik il-qorti kkwotat, bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat (Art. 382, Kap. 9) l-Artikolu 153(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. L-appellant ghandu ragun fuq dan il-punt. Il-fatti mputati kjarament jipotizzaw ir-reat kontemplat fl-Artikolu 40(a) tal-Kap. 10, mentri l-Artikolu 153(1) -- apparti li gie revokat bl-Att XXV ta' l-2001 -- jitratta dwar mohqrija ta' annimali, haga li evidentement m'ghandha x'taqsam xejn ma' l-imputazzjoni f'dan il-kaz. L-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara ***Il-Pulizija v. Mary Grech*** App. Krim. 7/7/1995) Tali nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-

subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali, bil-konsegwenza li din il-Qorti thassar is-sentenza ta' l-ewwel qorti u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu skond l-imsemmi subartikolu. Meta jigri hekk, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subatikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 428 (ara ***Il-Pulizija v. Frank Zarb, Joseph Grech u Mario Bugeja*** App. Krim. 28/7/1995). Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellant u qed thassar u tannulla s-sentenza appellata, u ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fuq il-meritu.

Mill-provi -- senjatament mid-deposizzjonijiet tal-konjugi Ciarlo` -- jirrisulta abbundantement pruvat li l-appellant, kemm fil-granet indikati fl-imputazzjoni kif ukoll f'okkazzjonijiet ohra, tefa' hmieg ta' kelb mill-proprjeta` tieghu ghal fuq il-proprjeta` tal-imsemmija Ciarlo`. Iz-zewg proprjetajiet huma wahda fuq kull naha ta' Triq Ross, f'San Giljan. L-appellant, fir-rikors tieghu, jikkontendi li galadarba ma hemmx prova li xi haga minn dak li tefa' giet, ossia waqghet, fit-triq li tifred iz-zewg proprjetajiet, ma jistax jinghad li l-imputazzjoni giet ippruvata. Din il-Qorti ma taqbilx. L-Artikolu 40(a) tal-Kap. 10 jipprovdi li *"Hadd ma jista', fit-toroq jew fuq it-toroq, bi xkiel, b'inkomdu, bi hsara jew b'perikolu ta' nies ohra, jixhet gebel jew hwejjeg ohra, ukoll minn twieqi, logog, gallarijiet jew bjut"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Hu evidenti ghal din il-Qorti li, galadarba l-iskop tal-legislatur hu li jipprotegi lil min talvolta jista' jkun ghaddej mit-triq minn affarijiet li jkunu qed jitwaddbu minn direzzjoni ghal ohra, l-espressjoni "fit-triq" tinkludi mhux biss il-wicc tat-triq izda anke l-arja ta' fuq it-triq sa dak il-gholi li normalment wiehed jista' jwaddab b'idejh oggetti u li jistghu jaqghu u jigu fuq il-wicc tat-triq, sia jekk minn iwaddab ikun b'saqajh fuq il-wicc tat-triq u sia jekk ikun fuq proprjeta` privata adjacenti t-triq. Fi kliem iehor, ma hux mehtieg ghall-integrazzjoni ta' dana r-reat kontravvenzjonali li l-gebel jew il-hwejjeg ohra li jintefghu jaqghu fuq il-wicc tat-triq: jekk oggetti jintefghu minn naha ghal ohra ta' triq, ikunu wkoll qed jintefghu "fit-triq" bi xkiel, b'inkomdu, bi hsara jew b'perikolu ta' nies ohra. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju, 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Charles Chircop***, l-ixkiel, inkomdu, hsara jew perikolu ma hemmx bzonn li jkun attwali, fis-sens li xi persuna giet effettivament imxekkla, skomodata jew saritilha xi hsara jew tqeghdet f'perikolu: hija bizzejjed il-potenzjalita` ta' dan kollu. Tenut kont tal-lokalita` u tal-hin, din il-Qorti hi sodisfatta li kien hemm din il-potenzjalita` f'dak li ghamel l-appellant, u cioe` meta tefa' hmieg tal-kelb minn naha ghal ohra tat-triq. Ghalhekk l-appellant huwa hati tar-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 40(a).

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tara li l-agir ta' l-appellant huwa verament ta' minn jistmerru, mhux biss minhabba l-potenzjalita` ta' inkomdu jew hsara ghal min seta' kien ghaddej fit-triq, izda wkoll ghax dak li ghamel l-appellant kien kjarament intiz biex jivvessa lill-koppja anzjana Ciarlo`. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li r-reat jisthoqqlu piena aktar minn dik tal-kontravvenzjonijiet, u ghalhekk ser tapplika dak li jipprovdi fl-ahhar parti tieghu s-subartikolu (1) tal-Artikolu 319 tal-Kap. 10.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40(a) u 319(1) tal-Kap. 10, tiddikjara lill-appellant Donald Cilia hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tmenin lira (Lm80), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'sittax-il gurnata prigunerija.

Aldo Testone
Dep. Registratur